DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/913

tal-20 ta' Mejju 2025

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1067 dwar l-aġġornament tal-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu armonizzat tal-ispettru tar-radju fil-banda tal-frekwenzi 5 945–6 425 MHz għall-implimentazzjoni ta' sistemi tal-aċċess mingħajr fili inkluż networks ta' żona lokali bir-radju (WAS/RLANs)

(notifikata bid-dokument C(2025) 3032)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas regolatorju għall-politika tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Fil-21 ta' April 2021, skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni ħarġet mandat lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (CEPT) biex sa Lulju 2024 teżamina mill-ġdid il-limitu tal-emissjonijiet barra mill-banda (OOB) taħt il-5 935 MHz applikabbli għall-apparati WAS/RLAN VLP (Very Low Power) li jużaw il-banda 5 945–6 425 MHz, abbażi, b'mod partikolari, tal-istudju ta' tekniki tal-mitigazzjoni possibbli għall-protezzjoni tas-sistemi tat-trasport intelliġenti ferrovjarji urbani (ITS) ħalli l-limitu jiġi llaxkat għal – 37 dBm/MHz. Dan kien iġġustifikat mill-ħtieġa li tkun żgurata s-sikurezza tat-trasport u l-koeżistenza ta' dawn l-apparati mal-ITS, inkluż il-kontroll tal-ferroviji bbażat fuq il-komunikazzjoni (CBTC), li jużaw l-ispettru f'partijiet tal-banda tal-frekwenzi 5 905–5 935 MHz.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1067 ([2]) tarmonizza l-banda 5 945–6 425 MHz għas-sistemi tal-aċċess bla fili, inkluż in-networks ta' żona lokali bir-radju. Għall-apparati WAS/RLAN VLP, it-Tabella 2 tal-Anness ta' dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-limitu tad-densità tal-potenza rradjata isotropika ekwivalenti (e.i.r.p.) medja massima għall-emissjonijiet barra mill-banda (OOB) taħt il-5 935 MHz f'-45 dBm/MHz sal-31 ta' Diċembru 2025. Barra minn hekk, in-Nota 3 ta' dik it-Tabella tipprevedi li s-sostituzzjoni ta' dak il-limitu bil-limitu – 37 dBm/MHz trid tiġi deċiża sal-31 ta' Diċembru 2025.

(3) Bi tweġiba għall-mandat imsemmi fil-Premessa (1), fl-20 ta' Novembru 2024, is-CEPT ippreżentat ir-Rapport 087 dwar ir-rieżami tal-limitu tal-emissjonijiet tal-OOB taħt il-5 935 MHz applikabbli għall-apparati WAS/RLAN VLP. Fost il-proposti fir-rapport hemm l-illaxkar ta' dan il-limitu għal – 37 dBm/MHz, skont ċerti kundizzjonijiet tekniċi.

(4) L-apparati WAS/RLAN VLP li jużaw il-banda tal-frekwenzi taħt is-6 105 MHz jistgħu jużaw mekkaniżmu ta' Kontroll tal-Qawwa tat-Trażmissjoni (TPC).

(5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1067 jenħtieġ li tiġi emendata għax ir-rapport lesta effettivament ir-rieżami mis-CEPT tal-kundizzjonijiet tekniċi għall-apparati WAS/RLAN VLP fir-rigward tal-limitu – 45 dBm/MHz tad-densità tal-e.i.r.p. medja massima għall-emissjonijiet tal-OOB taħt il-5 935 MHz, skont il-mandat imsemmi fil-Premessa (1). Fost il-bidliet fl-Anness hemm l-illaxkar ta' dan il-limitu għal – 37 dBm/MHz, skont ċerti kundizzjonijiet tekniċi deskritti fih.

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/676(1)/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1067 tas-17 ta' Ġunju 2021 dwar l-użu armonizzat tal-ispettru tar-radju fil-banda tal-frekwenzi 5 945-6 425 MHz għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' aċċess mingħajr fili inkluż in-networks ta' żona lokali bir-radju (WAS/RLANs) (ĠU L 232, 30.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/1067/oj).

(6) Peress li l-apparati WAS/RLAN LPI (Low Power Indoor) għall-konnessjoni broadband abbord il-ferroviji u l-inġenji tal-ajru tipikament jużaw sistemi tal-antenna distribwiti biex jipprovdu kopertura tajba u mifruxa b'mod ugwali fit-trasport tal-passiġġieri, ir-rapport qed jipproponi li jiġi aġġornat il-qafas regolatorju biex f'dawn il-każijiet tal-użu jkun iċċarat l-użu ta' sistema tal-antenna distribwita.

(7) Peress li issa tlesta r-rieżami speċifiku skont il-mandat imsemmi fil-Premessa 1, l-Artikolu 4 jenħtieġ li jiġi sostitwit bi klawżola ta' rieżami standard.

(8) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1067 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1067 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tal-istandards u t-teknoloġija fir-rigward tal-użu tal-baned tal-frekwenzi 5 945–6 425 MHz għall-apparati WAS/RLAN u jirrapportaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni meta jintalbu minn din tal-aħħar jew b'inizjattiva tagħhom stess biex ikun jista' jsir rieżami fil-ħin ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Henna VIRKKUNEN
Viċi President Eżekuttiv

ANNESS

"ANNESS

Kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-apparati WAS/RLAN fil-banda tal-frekwenzi 5 945-6 425 MHz

Tabella 1

Apparati WAS/RLAN LPI (Potenzja Baxxa fuq Ġewwa)

Parametru	Kundizzjonijiet tekniċi
Operazzjoni permissibbli	Ristrett għall-użu fuq ġewwa, inkluż fil-ferroviji bi twieqi miksija bil-metall (nota 1) u fl-inġenji tal-ajru. L-użu fuq barra, inkluż fil-vetturi tat-triq, mhuwiex permess.
Kategorija tal-apparat	Punt tal-aċċess jew pont LPI li jkun fornut bl-enerġija minn konnessjoni bil-wajer ikollu antenna integrata (nota 2) u ma jaħdimx bil-batterija. Apparat tal-klijent LPI li jkun konness ma' punt tal-aċċess LPI jew apparat tal-klijent LPI ieħor, u li jista' jaħdem bil-batterija jew le.
Banda tal-frekwenzi	5 945 — 6 425 MHz
Potenza isotropika rradjata ekwivalenti (e.i.r.p.) medja massima għall-emissjonijiet fil-banda (nota 3)	23 dBm
Densità tal-potenza isotropika rradjata ekwivalenti (e.i.r.p.) medja massima għall-emissjonijiet fil-banda (nota 3)	10 dBm/MHz
Densità tal-potenza isotropika rradjata ekwivalenti (e.i.r.p.) medja massima għall-emissjonijiet barra mill-banda taħt il-5 935 MHz (nota 3)	− 22 dBm/MHz

Nota 1: Jew strutturi simili magħmula minn materjal b'karatteristiċi ta' attenwazzjoni komparabbli.
Nota 2: Jew sistema tal-antenna distribwita installata ġo ferrovija jew inġenju tal-ajru.
Nota 3: L-e.i.r.p. medja tirreferi għall-e.i.r.p. waqt it-trażmissjoni li tikkorrispondi għall-ogħla potenza, jekk jiġi implimentat il-kontroll tal-potenza.

Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Meta t-tekniki rilevanti jkunu deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mad-Direttiva 2014/53/UE, għandha tkun żgurata mqar prestazzjoni ekwivalenti għal-livell tal-prestazzjoni assoċjat ma' dawk it-tekniki.

Tabella 2

Apparati WAS/RLAN b'Potenza Baxxa Ħafna (VLP)

Parametru	Kundizzjonijiet tekniċi
Operazzjoni permissibbli	Ta' fuq ġewwa u ta' fuq barra. L-użu fuq Sistemi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ (UAS) mhuwiex permess.

([1]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/53/oj).

Parametru	Kundizzjonijiet tekniċi
Kategorija tal-apparat	L-apparat VLP huwa apparat portabbli.
Banda tal-frekwenzi	5 945 — 6 425 MHz
E.i.r.p. medja massima għall-emissjonijiet fil-banda (nota 1)	14 dBm
Densità tal-e.i.r.p. medja massima għall-emissjonijiet fil-banda (nota 1)	1 dBm/MHz
Densità e.i.r.p. medja massima tal-użu tan-narrowband għall-emissjonijiet fil-banda (nota 1) (nota 2)	10 dBm/MHz
Densità tal-potenza isotropika rradjata ekwivalenti (e.i.r.p.) medja massima għall-emissjonijiet barra mill-banda taħt il-5 935 MHz (nota 1)	− 37 dBm/MHz (nota 3)

Nota 1: L-e.i.r.p. medja tirreferi għall-e.i.r.p. waqt it-trażmissjoni li tikkorrispondi għall-ogħla potenza, jekk jiġi implimentat il-kontroll tal-potenza.

Nota 2: L-apparati narrowband (NB) huma apparati li jaħdmu f'wisgħat tal-banda tal-kanali taħt l-20 MHz. L-apparati NB jeħtieġu wkoll mekkaniżmu ta' qbiż tal-frekwenzi bbażat fuq imqar 15-il kanal tal-qbiż biex jaħdmu b'valur ta' densità spettrali tal-potenza (PSD) fil-banda ogħla minn 1 dBm/MHz.

Nota 3: Meta jibdew sessjoni tal-komunikazzjoni, l-apparati VLP għandhom l-ewwel jippruvaw jagħżlu blokka tal-frekwenzi ogħla minn 6 105 MHz. Inkella, meta ma jiġix implimentat mekkaniżmu tal-għażla tal-frekwenza, għandha tapplika densità tal-e.i.r.p. medja massima għall-emissjonijiet barra mill-banda ta' -45 dBm/MHz inqas mill-5 935 MHz.

Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għal konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Meta t-tekniki rilevanti jiġu deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mad-Direttiva 2014/53/UE, għandha tkun żgurata mqar prestazzjoni ekwivalenti għal-livell tal-prestazzjoni assoċjat ma' dawk it-tekniki."